MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 547/2010

**Harbour Management Limited**
**Vs**
**Marcus Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ppresentat fit-28 ta' April, 2010 fejn is-socjeta' attrici titlob illi l-intimat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf disgha mija u sitta u sebghain ewro u sitta u disghin centezmu (€1,976.96) rapprezentanti hlasijiet dovuti minn Jannar 2006 'il quddiem ghal servizzi ta' irmigg u l-provvista ta' l-ettriku f'*Manoel Island Marina* ghad-dghajsa 'Neverland', liema servizzi gew rezi fuq inkarigu u struzzjonijiet ta' l-intimat u li sa llum ghadhom mhux imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv, kontra l-intimat.

B'risposta pprezentata fil-25 ta' Gunju, 2010 il-konvenut eccepixxa illi mhuwiex illegittimu kontradittur u dan peress illi s-servizzi msemmija fl-avviz tat-talba ma sarux fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-istess esponenti u

wkoll ghaliex l-esponenti mhux u qatt ma kien sid ta' dghajsa bl-isem 'Neverland'.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, s-socjeta' attrici ghandha tindika wkoll fir-rigward ta' liema perjodi ta' zmien jirreferu l-kontijiet annessi mal-avviz tat-talba.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat l-istess avviz mhux dovut mill-esponenti u l-ammont mitlub huwa kkontestat inkwantu esagerat.

It-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Xehed Pierre Balzan u spjega illi s-socjeta' attrici hija l-operattrici tal-'*Manoel Island Marina*' li kienet dahlet f'kunratt ma Marcus Tonna fl-1 ta' Frar, 2006. Il-konvenut kien xtara vessel bl-isem ta' Neverland minghand Paul Roper. Din il-*vessel* kienet diga rrmiggata fil-'*Manoel Island Marina*'. Is-servizzi rezi huma dawk ta' irmegg u dawl u ilma. Pero l-konvenut qatt ma hallas ghal dawn is-servizzi. Dan ix-xhud jghid illi l-konvenut kien ghamel ukoll xi kontravenzjonjiet fuq il-mod u kellhom jirrapurtaw lill-pulizija. Meta jixhed in kontroezami dan ix-xhud jispjega illi l-hlasijiet ta' bil-gurnata huma ghola minn dawk fix-xahar. Jghid illi ma jafx meta l-konvenut telaq mill-post fejn kien irmiggat. Dan ix-xhud jghid ukoll li gie assikurat mill-konvenut illi kien ser jaghmel tajjeb ghal dak li kien dovut mis-sid ta' qabel pero haga tal-iskantament li minn dan xejn ma tnizzel fuq il-kuntratt.

Xehdet Marie Volsnider li hija impjegata bhala *accounts clerk* mas-socjeta' attrici mis-sena 2006. Din ix-xhud ikkonfermat l-*invoices* li ntbaghtu lil konvenut liema *invoices* ghadhom mhux imhallsa. Din ix-xhud meta regghet xehdet spjegat illi l-*owener* precedenti kellu ammont ukoll xi jhallas li huwa l fuq minn elfejn ewro. Pero tispjega illi minkejja li l-konvenut ghamel kuntratt maghhom fl-1 ta' Frar, 2006, huma xorta qed jitolbu hlas ghax-xahar ta' Jannar peress illi l-*owner* precedent u cioe Roper kellu kuntratt ta' sena mentri l-konvenut kellu kuntratt fix-xahar. Tghid ukoll li l-elettriku gie uzat bejn it-3 ta' Jananr, 2006 sat-8 ta' Frar, 2006. *Readings tal-meters* normalment jittiehdu kull xahar minn impjegat tas-socjeta' attrici u jigu ffirmati mill-*owner* tal-vapur pero f'dan il-kaz la hemm firma u lanqas hemm imnizzla fil-kuntratt r-rata li bija l-konvenut kellu jhallas ghad-dawl u ilma.

Xehed il-konvenut li qal illi l-vapur ma kienx irregistrat bhala Neverland imma bhala Aglia Eleni. Jghid illi r-relazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici bdiet fl-1 ta' Frar, 2006 meta gie mitlub imur fl-ufficju tas-socjeta' attrici u hemmhekk sab kuntratt lest ittajpjat bid-data tal-1 ta' Frar, 2006. Jghid illi hu kellu jhallas l-ammont ta' mitejn u dsatax-il lira maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm219.72 ) fix-xahar. Fir-rigward tad-dawl u ilma jghid illi qatt ma ddiskutew mieghu la rati u lanqas *readings*. Jghid ukoll illi ma jaf bl-ebda *dinghy* u hu ma talab l-ebda *skip*.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezenti huwa tal-fehma illi r-relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut bdiet fl-1 ta' Frar, 2006 u ghalhekk ma jistax jippretendi hlas ghax-xhur ta' qabel sempliciment ghax jghid illi s-sid precedenti kellu kuntratt ta' sena u allura peress illi s-sid l-gdid kellu kuntratt fix-xahar allura tista titlobhom lis-sid il-gdid. Fir-rigward l-ammont mitlub dan ma hemmx raguni ghaliex kellu jkun ghola iktar minn dak miftiehem fil-kuntratt u cioe ta' mitejn u dsatax il lira maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm219.72) fix-xahar. Fir-rigward tad-dawl u ilma t-Tribunal isibha stamba illi r-rati mhux imnizzla fil-kuntratt u r-*readings* qatt ma ghaddew ghand il-konvenut. Minkejja dan it-Tribunal ma jhossx illi l-konvenut ma ghandu jhallas xejn minn dan l-ammont. Dwar l-*iskip u d-dinghy* ma jidher xejn bil-miktub hlief l-*invoices* tas-socejta' attrici li ghalija ma hemm ebda firma mill-konvenut.

Fir-rigward tal-eccezzjonijiet tal-konvenut it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni illi l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur minhabba l-isem u dan peress illi meta ffirma l-kuntratt mas-socjeta' attrici huwa ffirma bhala sid il-vapur Neverland. Rigward il-perjodi dawn gew indikati.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu jhallas xahar *berthing fee* bl-ammont miftiehem ta' mitejn u dsatax-il lira maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm219.72) li jammontaw ghal hames mija u hdax-il ewro u hamsa u disghin centezmu (€511.95) kif ukoll parti mil-kont tad-dawl u ilma peress illi l-kont kien bejn it-3 ta' Jannar, 2006 sat-8 ta' Frar, 2006,mentri l-konvenut obbligat illi jhallas mill-1 ta' Frar, 2006 u ghalhekk ghandu jhallas l-ammont ta' sebghin ewro (€70).

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jhallas l-ammont ta’ hames mija wiehed u tmenin ewro u hamsa u disghin centezmu (€581.95) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Kulhadd ghandu jhallas l-ispejjez tieghu tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------